**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**
**Maġistrat Dr. Charmaine Galea B.A. LL.D.**

**Illum 12 ta' Ġunju 2025**

**Rikors Numru 538/2023**

**Vincent Lungaro Mifsud (KI. 72545M),**
**Mary Rose Chalmers (KI. 896148M),**
**Ambrose Lungaro Mifsud (KI. 942146M),**
**Daphne Palmer Morewood (KI. 320248M),**
**Romwald Lungaro Mufsud (KI. 361850M),**
**Reuben Lungaro Mifsud (KI. 863851M),**
**Bertille Lungaro Mifsud (KI. 301466M),**
**Antonio Zammit (KI. 0347431M),**
**Constance Lungaro Mifsud (KI. 608339M),**
**Nathalie, Bartolo (KI. 43664M),**
**Theresa Stafrace (KI. 206766M),**
**Doctor of Medicine Maurice sive Mario Maurice Abela (KI. 320960M),**
**Stephen Lungaro Mifsud (KI. 331864M)**

**Vs**

**Concetta Abela (KI 318831M) u b'digriet tal-10 ta' Ottubru 2024 l-atti ġew trasfużi f'isem Rita Abela stante l-mewt ta' Concetta Abela**

Il-Bord,

Ra r-Rikors ippreżentat minn **Vincent Lungaro Mifsud et** fl-1 ta' Novembru, 2023, li permezz tiegħu ġie premess u ntalab is-segwenti:

*1. Illi r-rikorrenti huma lkoll proprjetarji tal-fond **76, gia 213, Triq Sant'Elena, Tas-Sliema,** liema fond gie akkwistat per via di successione mill-wirt tal-mejta antenati tagghom Lorenzo u Antonia Lungaro Mifsud li l-wirt taghhom iddevolva fuq l-erbgha uliedhom Joseph, Victor, Emanuel, u l-mejta Mary Zammit, ilkoll ahwa Lungaro Mifsud skond kopji ta' denunzji hawn annessi u mmarkati bhala **DOK A** u **DOK B**.*

*2. Illi **Joseph Lungaro Mifsud** miet fit-3 ta' April 1965 u l-wirt tieghu iddevolva fuq it-3 uliedu Antonia sive Ninette mart Antonio Zammit, Simon Lungaro Mifsud u Alexander Lungaro Mifsud, ilkoll mejtin.*

*3. Illi **Antonia sive Ninette Zammit** mietet fil-21 ta' Frar 2020 u l-wirt taghha iddevolva b'testment tas-17 ta' Gunju 2008 fl-Atti tan-Nutar Maurice Gambin, **DOK C** hawn anness u mmarkat, fejn hija nnominat bhala eredi universali taghha lil zewgha r-rikorrenti Antonio Zammit, u b'dikjarazzjoni causa mortis fl-atti tan-Nutar Dottor Rachel Busuttil tas-6 ta' Frar 2023, huma ddikjaraw l-istess proprjeta` lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni skond **DOK D** hawn anness u mmakrat, u dan in kwantu ghal dodicezima $^{1}/_{12}$ parti indiviza tal-istess fond.*

*4. Illi **Simon Lungaro Mifsud** miet fl-4 ta' Ottubru 2008 u l-wirt tieghu iddevolva b'testment unica charta tal-25 ta' Settembru 1987 fl-Atti tan-Nutar Dottor Clyde LaRosa fejn halla b'titolu ta' legat l-uzufrutt lil martu r-rikorrenti Constance Lungaro Mifsud u nnomina bhala eredi lir-rikorrenti uliedu Nathalie Bartolo u Theresa Stafrace, u dan kif jirrizulta mid-dikkjarazzjoni causa mortis fl-atti tan-Nutar Dottor Rachel Busuttil tas-17 ta' Mejju 2023, fejn huma ddikjaraw l-istess proprjeta` lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni skond **DOK E** hawn anness u mmakrat, in kwantu ghal dodicezima $^{1}/_{12}$ parti indiviza ohra.*

*5. Illi **Alexander Lungaro Mifsud** gie succedut fit-titolu minn uliedu Stephen Lungaro Mifsud u Victoria mart Dr Maurice Abela. Illi Victoria Abela mietet testata fid-19 ta' Jannar 2020 u l-wirt taghha ddevolva b'testment tal-5 ta' Gunju 2015 fl-Atti tan-Nutar Dottor Daniela Chetcuti li kopja tieghu qed jgi hawn anness u mmarkat bhala **DOK F** u b'dikjarazzjoni causa mortis fl-atti tan-Nutar Dottor Rachel Busuttil tas-26 ta' Settembru 2023, huma ddikjaraw l-istess proprjeta` lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni skond **DOK G** hawn anness u mmakrat, biex b'hekk ir-rikrorenti Stephen Lungaro Misfud u Dr Maurice Abela ghandhom $^{1}/_{24}$ kull wiehed mill-istess proprjeta`.*

*6. Illi **Victor Lungaro Mifsud** miet fit-28 ta' Dicembru 2000 u b'dikjarazzjoni causa mortis fl-atti tan-Nutar Dottor Victor John Bisazza tat-18 ta' Jannar 2023, huma ddikjaraw l-istess proprjeta` lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni skond **DOK H** hawn anness u mmakrat, fejn il-wirt ta' Victor Lungaro Mifsud skond testment tieghu tas-6 ta' Novembru 1965 u 28 ta' Marzu 1976 fl-Atti tan-Nutar Mario Bonello huwa nnomina liz-zewg uliedu r-rikrorenti Vincent Lungaro Mifsud u Mary Rose Chalmers ghal kwart indiviz tal-proprjeta` in kwistjoni.*

*7. Illi Emanuel Lungaro Mifsud miet fl-24 ta' Marzu 1998 u l-wirt tieghu iddevolva b'testment tal-5 ta' Mejju 1981 fl-Atti tan-Nutar Dottor Marthese Felice fejn huwa halla l-wirt tieghu lil hames uliedu r-rikorrenti Ambrose Lungaro Mifsud, Daphne mart Anthony Palmer Morewood, Romuald Lungaro Mifsud, Reuben Lungaro Mifsud u Bertille Lungaro Mifsud u dan skond kuntratt tat-23 ta' Novembru 2010 fl-atti tan-Nutar Dottor Marthese Felice hawn anness u mmarkat bhala **DOK. I** biex b'hekk ir-rikorrenti hawn imsemmija ghandhom ¼ indiviz tal-proprjeta' in kwistjoni.*

*8. Illi Mary Zammit, bint il-mejjet Lorenzo Lungaro Mifsud ghandha l-1/4 indiviz l-iehor tal-proprjeta' fuq imsemmija.*

*9. Illi ai termini tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta, l-intimati setghu jibqghu fl-okkupazzjoni tal-fond billi jgeddu l-lokazzjoni minn sena ghal sena.*

*10. Illi huma ilhom jghixu fil-fond in kwistjoni ghal dawn l-ahhar circa 65 sena versu kera originali ta' **Lm16** fis-sena li jithallsu fis-sena, liema kera zdiedet ukoll ai termini tal-Att X tal-2009 biex b'hekk illum il-kera pagabbli hija ta' **€209** fis-sena.*

*11. Illi ai termini tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta bl-emendi li sarulu bl-Att X tal-2009, r-rata tal-kera ghandha tizdied biss kull tlett snin b'mod proporzjonali ghal mod li bih ikun jizdied l-Indici ta' Inflazzjoni skond l-Artikolu XIII tal-Ordinanza li Tnehhi l-Kontroll tad-Djar bl-awment li kien imiss fl-1 ta' Jannar 2023, liema awmenti huma tenwi ghall-ahhar.*

*12. Illi l-protezzjoni moghtija lill-inkwilini intimati Bugeja bid-dispozizzjonijiet tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Att X tal-2009 m'humiex gusti u ma jikkreawx bilanc ta' proporzjonalita' bejn id-drittijiet tas-sidt u dawk tal-inkwiliniP stante li l-valur lokatizzju tal-fond huwa ferm oghla minn dak stabbilit fil-ligi u ghalhekk huma bi ksur tal-Kostituzzjoni ta' Malta*

*u tal-Ewwel Artikolu ta' l-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikolu (6) tal-Konvenzjoni.*

*13. Illi l-livell baxx tal-kera, l-istat tal-incertezza tal-possibilità tat-tehid lura tal-proprjeta', in-nuqqas ta' salvagwardji procedurali, iz-zieda fil-livell tal-ghejxien f'Malta f'dawn l-ahhar decenni u l-interferenza sproporjzonata bejn id-drittijiet tas-sid u dawk tal-inkwilini ikkreaw piz eccessiv fuq ir-rikorrenti.*

*14. Illi f'dan l-istadju, ai termini tal-Att XXIV tal-2021 tal-Ligijiet ta' Malta, l-esponentI huma intitolatI jippreżentaw rikors quddiem dan il-Bord fejn jitolbu li l-kera tiġi riveduta għal ammont li ma jeċċedix it-tnejn fil-mija (2%) fis-sena tal-valur liberu u frank fis-suq miftuħ tad-dar ta' abitazzjoni fl-1 ta' Jannar tas-sena li matulha jiġi preżentat ir-rikors, ossia l-2023, u sabiex jiġu stabbiliti kondizzjonijiet ġodda fir-rigward tal-kera.*

*15. Illi dan l-Onorabbli Bord ghandu jirrevedi l-kera ghall-massimu permissibbli mil-Ligi, u dan mhux biss in vista tal-fatt li l-esponent qeghdin isofru ksur tad-drittijiet fundamentali taghhom minhabba li huma kostreti jirċievu kera rrizorja, imma anke minhabba l-fatt illi l-Awtorità tad-Djar ser taghti benefiċċju li jkopri ż-żieda tal-kera lill-inkwilini.*

***Ghaldaqstant, ir-rikorrrenti jitolbu bil-qima lil dan l-Onorabbli Bord sabiex joghgbu:-***

I. ***Jiddikjara u Jiddeciedi*** *illi* ***Concetta Abela (KI. 318831M)*** *hija l-inkwilina tar-rikorrenti fil-fond* ***76, gia 213, Triq Sant'Elena, Tas-Sliema****, ai termini tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta.*

II. ***Jordna*** *illi jitwettaq it-test tal-mezzi tal-inkwilina intimata* ***Concetta Abela (KI. 318831M)*** *ai termini tal-Att XXIV tal-2021, liema test tal-mezzi ghandu jkun ibbażat fuq it-test tal-mezzi stabbilit fir-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Mezzi, mahrug taht l-Artikolu 1622A tal-Kodiċi Ċivili u kwalunkwe regolamenti li jistgħu minn żmien għal żmien jissostitwuhom.*

III. ***Konsegwentement Jiddikjara u Jiddeciedi*** *illi ai termini tal-Att XXIV tal-2021 tal-Ligijiet ta' Malta l-kera ghandha tiġi riveduta għal ammont li ma jeċċedix it-tnejn fil-mija (2%) fis-sena, jew kwalunkwe persentagg li jista' minn żmien ghal żmien jigi stabbilit, tal-valur liberu u frank fis-suq miftuh tad-dar ta' abitazzjoni fl-1 ta' Jannar*

*2023, u cioe s-sena li matulha gie preżentat ir-rikors u sabiex jiġu stabbiliti kondizzjonijiet ġodda fir-rigward tal-kera jekk jkun il-kaz.*

**IV.** ***Tikkundanna*** *lill-inkwilina intimata* ***Concetta Abela (KI. 318831M)*** *tibda thallas dik it-tali kera hekk likwidata.*

**V.** ***Jaghti dawn l-ordnijiet necessarji*** *ai termini tal-Att XXIV tal-2021 f'kaz li l-kerreja ma jissodisfawx il-kriterji tad-dhul u tal-kapital tat-test tal-mezzi.*

Ra r-risposta tal-**Awtorita` tad-Djar** ippreżentata fl-21 ta' Marzu, 2024, li permezz tagħha ddikjarat is-segwenti:-

*Illi l-atturi iridu qabel xejn jipprovaw it-titolu taghhom u li huma wahedhom huma s-sidien unici tal-kera tal-fond.*

*Illi qabel xejn dan il-bord ghandu jikkonstata jekk l-Att XXIV tal-2021 ghandux jigi applikat ghal dan il-kaz.*

*Illi l-Awtorita` tad-Djar giet notifikata f' din il-kawza bhala intervenuta fil-kawza a bazi tal-Att XXIV tal-2021; allura ukoll l-Awtorita` tad-Djar ghandha id-dritt li tippartecipa fil-kawza u jekk taghmel dan, taghmel hekk biss bhala intervenuta fil-kawza. U ghalhekk l-Awtorita' tad-Djar anke f' dan il-kaz ma tistax tkun kundannata thallas xi kera u ma ghandiex tbati l-ispejjez. U dan kollu purche jirrizulta li l-Att XXIV tal-2021 hu applikabbli ghal kaz in kwistjoni.*

*Illi il-Periti mahtura bil-ligi ghandhom jaghtu il-valur tal-fond liberu u frank fis-suq miftuh imma kif ikun fl-1 ta' Jannar tas-sena li fih isir ir-rikors. Mela il-valur irid isir tal-fond li hemm kif qed jigi mikri u mhux kif jista' jigi sviluppat. Kieku ried hekk il-legislatur kien jghid hekk referenza issir ghas-sentenza Catherine Cauchi v Remigio Cassar et Rik 315/20 Qorti Kost deciza 12/07/2023 li tittratta il-kwistjoni jekk fond ghandux jigi valutat bil-"potenzjal" tieghu u it-tifsira ta' dan. .*

*Illi jigi rilevat li f' kaz li l-inkwilini jissoddisfaw it-test tal-mezzi impost bil-ligi allura il-kera ghandha tigi fissata f' ammont ta' mhux aktar minn 2% tal-valur tal-propjeta u dan skont l-Art 4A tal-Kap 69, jew Art 12B tal-Kap 158.*

*Intant qed jigi anness Dok HA1 li jindika il-mod kif l-Awtorita` tad-Djar ser tkun qed tissussidja lil minn ikun jikkwalifika. Ghal iktar informazzjoni wiehed*

*jista' jidhol fuq: https://housingauthority.gov.mt/en/Pages/Schemes/Sussidju-tal-Kera-f%E2%80%99Residenzi-Privati-Mikrija-Qabel-l-1-ta%E2%80%99-%C4%A0unju-1995-.aspx*

*Illi jigi rilevat li l-inkwilini ikunu jistghu jibbenefikaw minn skema ta' sussidju tal-kera jekk jikkwalifikaw skont il-kondizzjonijiet tal-istess skema – fost dawn il-kondizzjonijiet hemm dik li l-inkwilini iridu ikunu qieghdin jabitaw fil-fond bhala residenza ordinarja taghhom.*

*Tant ghall-eghref gudizzju ta' dana l-Bord.*

Ra r-risposta tal-**intimata** ppreżentata fl-14 ta' Mejju, 2024, li permezz tagħha eċċepiet is-segwenti:

*1. Illi fl-ewwel lok, l-esponenti titlob li tissejjaħ fil-kawża l-Awtorita' tad-Djar sabiex il-ġudizzju jkun sħiħ integru stante li kif ser jissemma' aktar l-isfel, kwalsiasi deċiżjoni ser tolqot lill-istess Awtorita' tad-Djar.*

*2. Illi fit-tieni lok ir-rikorrenti jridu l-ewwel u qabel kollox jagħtu prova tat-titolu li qed jgħidu li għandhom fir-rigward tal-fond meritu tal-kawza, u cioe' dan bin-numru 76, Triq Sant Elena, Sliema.*

*3. Illi fit-tielet lok, minghajr preġudizzju ghall-premess, l-eccipjenti dejjem ottemporat ruħha mall-Ligijiet viġenti, u ghaldaqstant ma tista' tiġi attribwital-ebda htija jew nuqqas da parti tagħha, fl-eventwalita' li dan l-Onorabbli Bord jakkolji t-talbiet jew parti minnhom tar-rikorrenti.*

*4. Illi, mingħajr preġudizzju għall-premess, jiġi eccepit li l-fond meritu tal-proceduri odjerni ili mikri lill-eccipjenti, ghexieren ta' snin ossija qabel is-sena 1995, b'titolu ta' kera.*

*5. Illi għalhekk l-eccipjenti ghandha titolu validu ta' kera skont il-Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta' Malta (Ordinanza li Tnehhi l-Kontroll tad-Djar) liema liġi ghadha in vigore sal-lum il-ġurnata.*

*6. Illi in oltre u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-eccipjenti tirrileva li hija dejjem ottemporat ruhha mal-kundizzjonijiet tal-kera u agixxiet fil-parameteri tal-ligi vigenti.*

*Fil-fatt hija dejjem hallset il-kera puntwalment lis-sidien u dejjem żammet l-imsemmi fond f'kundizzjoni tajba u ghamlet diversi xogholijiet ta' amiljoramenti fil-fond in kwistjoni;*

*7. Illi mingħajr preġudizzju ghall-premess, in kwantu ghat-tieni talba, l-eccipjenti tissodisfa r-rekwiziti kollha tal-liġi sabiex tibqa' tgawdi l-protezzjoni fil-kirja li ghandha dwar il-fond mertu tal-kawza. L-eccipjenti hija pensjonanta, u kif ser jirrizulta, hija tissodisfa l-kriterji tad-dhul u tal-kapital tat-test tal-mezzi.*

*8. Minghajr preġudizzju ghall-premess, u ghall-bqija, l-eccipjenti tirrimetti ruhha ghad-decizjoni ta' dan it-Tribunal, purke:*

*a. Jigi verifikat l-istat u l-kundizzjoni tal-fond residenzjali tagħha, u l-valur tiegħu illum f'dak l-istat u kundizzjoni;*

*b. Dan il-Bord jiehu kont ta' dawn il-fatti kollha u tal-osservanza shiha mill-eccipjenti tal-obbligi kollha lokatizji tagħha skond il-ligijiet vigenti f'Malta tul dawn is-snin kollha fl-ezercizju tad-diskrezzjoni moghtija lilu biex jiffissa l-kera għola ghall-istess fond.*

*9. Konsegwentament, umilment qed jiġi sottomess li dan l-Onorabbli Bord meta jistabbilixxi l-kirja u l-kundizzjonijiet godda tal-kirja, ghandu jqis ukoll il-mezzi u l-kundizzjoni tal-eccipjenti; kif ukoll tenut kont tac-cirkostanzi socjali u finanzjarji tal-eccipjenti u tal-eta' anzjana tagħha, maghdud ukoll il-fatt li l-fond mertu tal-kaz huwa l-unika residenza tagħha u l-fatt li l-eccipjenti m'ghandha l-ebda proprjeta' ohra li hija tista' tirrisjedi fiha u li m'ghandha l-ebda kapital biex takkwista' proprjeta' ohra alternattiva.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri kemm-il darba jkun il-kaz.*

Ra d-digriet tal-10 ta' Ottubru 2024, fejn il-Bord ordna t-trasfużjoni tal-atti f'isem Rita Abela (K.I. 31883M) stante il-mewt ta' Concetta Abela;

Ra n-Nota Ġuramentata tal-intimata ppreżentata fil-25 ta' Lulju 2024 li flimkien magħha ġew ippreżentati diversi dokumenti, liema Nota ġiet ġuramentata fit-8 ta' April 2025;

Ra r-rapport tal-Membri Tekniċi tal-Bord;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha;

Ra illi dan ir-rikors ġie mħolli għal-lum għas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi mill-provi dokumentarji prodotti jirriżulta illi r-rikorrenti jikru l-fond numru 76, già 213, Triq Sant' Elena, Tas-Sliema lill-intimata.

Illi l-Awtorita` tad-Djar kif ukoll l-intimata fl-ewwel lok talbu li r-rikorrenti jipprovaw it-titolu tagħhom fuq il-fond in kwistjoni. Fil-fehma tal-Bord din il-prova ġiet sodisfatta bid-dokumenti esebiti mar-rikors promutur.

Illi fil-mori ta' dawn il-proċeduri l-intimata pproduċiet prova tad-dħul u tal-assi tagħha.

Illi skont Regolament 2 (2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 16.11, sabiex inkwilin jissodisfa t-test tal-mezzi irid jissodisfa kemm il-kriterju tad-dħul u kif ukoll il-kriterju tal-kapital fil-limiti stabbiliti fl-istess Regolamenti.

Illi miċ-ċertifikat tat-twelid tal-intimata jirriżulta li fis-sena li nfetħet il-kawża l-intimata kellha tlieta u sittin (63) sena.

**<u>Fir-rigward tal-livell ta' dħul</u>**, persuna li jkollha bejn sitta u ħamsin (56) sena u ħamsa u sittin (65) sena tkun tista' tissodisfa l-kriterju tad-dħul tat-test tal-mezzi jekk id-dħul matul il-perjodu rilevanti ma jeċċedix l-erbgħa u erbgħin elf u ħames mitt ewro (€44,500).[1]

[1] Ai termini ta' Regolament 3 (a) tal-L.S. 16.11 "perjodu rilevanti" jirreferi għad-dħul bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Diċembru matul is-sena li taħbat minnufih qabel is-sena li jiġi intavolat fih ir-rikors abbażi tal-artikolu 4A tal-Ordinanza li tirregola t-Tiġdid tal-Kiri ta' Bini u, jew, tal-artikolu 12B tal-Ordinanza li Tneħħi l-Kontroll tad-Djar.

**<u>Fir-rigward tal-livell ta' kapital</u>**, persuna bl-eta` tal-intimata, biex tissodisfa t-test tal-kapital, l-istess kapital ma jridx jeċċedi l-mitejn u tlettax-il elf ewro (€213,000) għall-perjodu rilevanti.[2]

Illi skont Regolament 7 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 16.11, fil-kalkolu tal-kapital għandu jitqies il-valur ta' kull proprjeta` immobbli li tkun tappartjeni għal kollox lill-inkwilin jekk ikollu l-pussess vakanti tal-istess proprjeta`, flus depożitati f'bank li jistgħu jinġibdu b'avviż ta' inqas minn tliet xhur, flus kontanti, depożiti għal perjodu ta' żmien, *bonds*, *stocks*, sigurtajiet u kull strument finanzjarju jew prodott finanzjarju ieħor.

Illi minn eżami li għamel il-Bord tad-dokumenti esebiti, inkluż dawk bankarji, ma jirriżultax illi l-intimata taqbeż l-ammonti ta' dħul u kapital imsemmija hawn fuq u kwindi tissodisfa il-kriterji tad-dħul u kapital tat-test tal-mezzi. Għalhekk il-Bord irid jgħaddi biex jiddetermina kemm għandha togħla l-kera.

Illi skont l-istima tal-Membri Tekniċi tal-Bord il-fond in kwistjoni għandu valur fis-suq liberu u frank ta' tliet mija u ħamsa u tmenin elf ewro (€385,000).

Illi l-leġislatur ħalla f'idejn dan il-Bord biex jawmenta l-kera sa massimu ta' tnejn fil-mija (2%) pero` mingħajr ma ta l-ebda linji gwida kif għandu jsir dan l-awment. Għalhekk il-Bord irid iqis iċ-ċirkostanzi kollha ppreżentati quddiemu u jasal għal persentaġġ li fil-fehma tiegħu ikun ġust. Illi min-naħa waħda l-Bord għandu quddiemu intimata li skont mill-informazzjoni pprovduta, tgħix bil-pensjoni u għandha mezzi finanzjarji limitati ħafna. Min-naħa l-oħra hemm sidien li ma jistgħux jiddisponu kif iridu mill-proprjeta` tagħhom.

Illi dan il-Bord huwa konxju tal-għadd ta' sentenzi kostituzzjonali ppronunzjati favur is-sidien ta' fondi suġġetti għal kirja regolata bil-

---

[2] Ai termini ta' Regolament 3 (b) tal-L.S. 16.11 "perjodu rilevanti" jirreferi għall-kapital kif ikun fl-1 ta' Jannar, 2021, jew ħames (5) snin qabel ma jiġi intavolat rikors quddiem il-Bord li jirregola l-Kera abbażi tal-artikolu 4A tal-Ordinanza li tirregola t-Tiġdid tal-Kiri ta' Bini u, jew, tal-artikolu 12B tal-Ordinanza li Tneħħi l-Kontroll tad-Djar, skont liema data tiġi l-ewwel.

Kapitolu 69 qabel dan ġie emendat bl-Att XXIV tal-2021 u fejn ġie dikjarat li ġie leż id-dritt tagħhom għat-tgawdija tal-proprjeta'. Għalhekk dan il-Bord huwa tal-fehma illi jrid joħloq bilanċ ġust bejn id-dritt tas-sid li jieħu frott mill-proprjeta` tiegħu u d-dritt tal-inkwilin li jkompli fit-tgawdija tal-fond fejn jgħix. Il-Bord jirrileva li huwa wkoll konsapevoli tas-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali u tal-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropeja għad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem fejn id-direzzjoni hija li l-awment għandu jkun lejn il-massimu iktar milli lejn il-minimu.[3]

Illi l-Bord huwa wkoll konsapevoli tal-għajnuna li tista' tingħata lill-inkwilini f'każijiet ta' awment ta' kera ta' kirjiet protetti. Kif jirriżulta mid-dokument ippreżentat mar-risposta tal-Awtorita` tad-Djar, l-inkwilin jista' jiġi mgħejjun mill-imsemmija Awtorita` skont il-proċedura stabbilita mill-istess Awtorita`. Di fatti fil-kawża fl-ismijiet **Maria Pintley vs L-Avukat tal-Istat et**[4], il-Qorti Kostituzzjonali meta trattat dwar l-Artikolu 12B tal-Kapitolu 158[5] tenniet:

*"22. Dan apparti li m'hemm xejn x'iżomm lill-Bord milli jiffissa r-rata ta' kera viċin ta' 2% tal-valur tal-fond meta jqis l-iskema li introduċa l-Gvern għas-sussidju tal-kera f'residenzi mikrija qabel l-1 ta' Ġunju, 1995, u li biha jkopri l-parti l-kbira tal-awment fil-kera (ara f'dan ir-rigward sentenza ta' din il-Qorti,* ***Lorenza Zarb v. Carmelo Caruana et*** *tat-30 ta' Ġunju, 2021, kif ukoll tagħrif dwar l-iskema fil-website tal-Awtorita` tad-Djar)"*[6]

Għalkemm iċ-ċitata sentenza kienet qiegħda titratta kwistjoni taħt il-Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta, fl-opinjoni tal-Bord l-istess insenjament japplika wkoll għall-awment ta' kirjiet taħt il-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta peress li fejn jirrigwarda il-kriterji tat-test tal-mezzi u l-awment il-proċedura hija identika.

---

[3] Ara **Gerald Camilleri et vs l-Avukat Ġenerali et** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-6 ta' Ottubru 2020, **Anthony Cesareo pro et noe et vs L-Avukat Ġenerali et** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-26 ta' Mejju 2021 u **Cauchi vs Malta** deċiża mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-25 ta' Marzu 2021.
[4] 1 ta' Diċembru 2021.
[5] L-Artikolu 12B kien ġie introdott bl-Att XXVII tal-2018 sabiex ikun hemm mekkaniżmu biex tiġi miżjuda l-kera taħt il-Kapitolu 158 u sabiex tingħata protezzjoni biss lil min jikkwalifika għat-test tal-mezzi.
[6] *Fil-każ ta' pensjonanti u nies li jgħixu bil-benefiċċju soċjali jkopri l-awment sa massimu ta' €10,000 fis-sena, filwaqt li fil-każ ta' min jaħdem bi qligħ id-differenza bejn 25% tal-qligħ u l-kera stabbilita mill-Bord sa massimu ta' €10,000.*

Illi l-Bord ħa ukoll konjizzjoni ta' dak li ġie eċċepit mill-intimata u cioè li hija għamlet diversi xogħlijiet u amiljoramenti fil-fond *de quo*. Madanakollu dan il-Bord ma jarax illi din il-kostatazzjoni għandha timpinġi fuq l-ammont ta' kemm għandha tgħola l-kera stante li tali xogħlijiet u amiljoramenti (dejjem jekk saru) fl-aħħar mill-aħħar gawdiet minnhom l-intimata fil-kors tal-pussess tagħha tal-fond in kwistjoni.

Illi, għalhekk, wara li l-Bord qies il-ġurisprudenza li żviluppat dawn l-aħħar snin, il-valur tal-fond in kwistjoni, il-mezzi tal-inkwilina u l-interessi tas-sidien, huwa tal-fehma illi jkun ġust li l-kera tal-fond in kwistjoni togħla bi 2% tal-valur tal-fond kif stmat mill-Membri Tekniċi tal-Bord. Għaldaqstant, il-kirja awmentata għandha tkun ta' sebat elef u seba' mitt ewro (€7,700) fis-sena.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Bord jiddisponi mit-talbiet tar-rikorrenti u mill-eċċezzjonijiet tal-intimata billi:

1. Jilqa' l-ewwel talba u jiddikjara u jiddeċiedi illi l-intimata Rita Abela (K.I. 313760M) hija l-inkwilina tar-rikorrenti fil-fond 76, già 213, Triq Sant' Elena, Tas-Sliema ai termini tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Jilqa' t-tieni talba u wara li eżamina l-mezzi tal-intimata jiddikjara li tissodisfa t-test tal-mezzi;

3. Jilqa' t-tielet talba u jiddikjara u jiddeċiedi li ai termini tal-Att XXIV tal-2021 il-kera tal-fond 76, già 213, Triq Sant' Elena, Tas-Sliema għandha tiġi riveduta għall-ammont ta' sebat elef u seba' mitt ewro (€7,700) fis-sena pagabbli kull sitt (6) xhur bil-quddiem;

4. Jilqa' r-raba' talba u jikkundana lill-inkwilina Rita Abela (K.I. 313760M) tħallas lir-rikorrenti l-kera kif riveduta u dana mid-data ta' din is-sentenza;

5. Jiċħad il-ħames talba stante li l-intimata tissodisfa l-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi;

6. Jiċħad l-eċċezzjonijiet tal-intimata sa fejn dawn huma inkompatibbli ma’ dak deċiż hawn fuq.

Bl-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

____________________

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

____________________

**Antonella Cassar**
**Deputat Reġistratur**